# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 35

IL-ĦAMIS 18 TA' APRIL 2015 FIL-4.00 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AGENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## 1. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-kontijiet.

No 41 tal-iskeda – Is-Sindku iddikjara li dwar id-dwal tat-tiżjin tal-Milied, il-ħwienet ma ġabrux biżżejjed flus kemm ħsibna u konna ftehmna magħhom. Skond il-ftehim, suppost kellhom iħalsuh il-ħwienet dan il-kont, imma kif għedna ma ġabrux flus biżżejjed. Is-Sindku qal li qed iressaqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-Kunsill iħallas l-kuntrattur, u wara dan nibdew ngħafsu mal-ħwienet biex jiġbru il-flus. Il-Kunsill qabel li ġa la darba ix-xogħol kien ġie ordnat mill-Kunsill, dan il-kont jitħallas mill-Kunsill.
No 37 tal-iskeda – Is-Sindku irrimarka li għandna naraw mal-inġinjier jekk hux qed jaħdmu sew il-panelli.
Dwar il-ġemelaġġ mal-lokal ta' Aci Catena, is-Sindku qal li ltaqgħu ġimgħatejn ilu Malta, fejn ġie mistqarr li huma ma għandhomx esperjenza biex imexxu il-proġett bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Xorta waħda, iżda, hemm l-amiċizja li tgħin, u jixtiequ jikkolaboraw fil-karnival li ġej mal-Kunsill Ta' Xbiex, speċjalment għax huma jinsabu viċin Acireale, lokal famuż għall-attivitajiet tal-karnival. Is-Sindku qal li waħda mil-laqgħat seħħet waqt ikla, li tħallset min G Muscat. Is-Sindku propona li G Muscat jieħu rifużjoni. Il-Kunsill qabel.
Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti tal-kontijiet ġiet iffirmata.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. Kien hemm is-segwenti korrezzjonijiet.

<u>Parti Numru 1</u>

G Muscat – Għal minuta f'paġna 3, saqsa għal liema parti ta' Abate Rigord qegħdin nirreferu. Is-Sindku spjega fejn. Kunsill qabel li niktbu 'fil-biċċa tat-triq', sabiex ma tiġix tidher li it-triq kollha hemm il-ħsara.

Il-minuti ġew approvati u iffirmati.

<u>Parti numru 2</u>

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Il-minuti ġew approvati u iffirmati.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

- Dwar il-*car show* li konna tkellimna dwaru biex isir fil-Marina, s-Sindku qal li ħadem sew fuqa mal-organiżżatur, fejn dan kien tagħna d-data tat-3 ta' Mejju. Sadattant, iżda, tkellem ma dilettant tal-karozzi fejn infurmah illi dakinhar stess hemm *car show* popolari f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li induna li din ser tkun pika bejn żewg għaqdiet, u li fl-aħħar mill-aħħar ser tbgħati il-karita. Prattikament, hu l-interess tiegħu li jikompeti mal-attivita ta' ħaddieħor, u filfatt ma riedx iċaqlaq fuq data oħra. Is-Sindku qal li għaldaqstant ma hix fattibli li din l-attivita ssir.

- Dwar it-tined għal fuq il-bankijiet in-naħa tal-Marina, s-Sindku ressaq il-proposta lil dan in-negozjant li nteressa ruħu jidħol għal dan il-proġett. Is-Sindku qal li spjegalu l-aħħar deċiżjoni tal-Kunsill. Sar ukoll *draft agreement* min dan in-negozjant. Is-Sindku preżenta dan id-*draft agreement* lill-Kunsill. Is-Sindku qal li emenda ftit dan id-*draft* diġa. Il-Kunsill qabel li nibgħatu *draft agreement* permezz ta' e-mail lill-kunsilliera.

  Is-Sindku innegozja sew dwar il-*first right of refusal* fuq l-ewwel sentejn fuq il-bankijiet l-oħra.
  T Castelletti issuġerixxa emenda li ma jsirux riklami ta' natura politika partiġjana.

  Is-Sindku qabel ma T Castelletti fil-prinċipju, imma ma jaqbilx li norbtu wisq idejn dan in-negozjant biex ma ngerxuħx. Il-Kunsill qabel li nitkelmu din il-materja man-negozjant.

- Is-Sindku fakkar li l-konferenza tal-ECAD, din is-sena, ser issir Malta.

## 4. Jum Ta' Xbiex

Il-Kunsill qabel illi d-data ta' Jum Ta' Xbiex tkun is-Sibt 13 ta' Ġunju 2015. Il-budget ta' din l-attivita ma għandux ikun aktar minn €3500.

Bħala premju għal min jingħata Gieħ Ta' Xbiex, il-Kunsill qabel li tingħata midalja.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-għeluq tal-applikazzjonijiet għal min għandu jingħata dan il-Mertu għanda tkun il-Ġimgha 29 ta' Mejju.

## 5. Kwotazzjonijiet Gazebos

Infetħu ż-żewġ kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qara l-kwotazzjonijiet tal-kumpaniji MFCC u Casa Pinta.

F Roe iddikjara li mhux ħa jivvota fuq dawn il-kwotazzjonijiet għax hu impjegat ma Casa Pinta.

Il-Kunsill innota li MFCC għandhom l-irħas offerta.

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni tal-kumpanija MFCC.

## 6. Expression of Interest – Gbir ta’ Skart Riċikabbli

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-iskema GreenMT biss issottomettiet offerta.

Meta inqrat l-offerta, jidher illi din l-iskema laqgħet l-*ispecifications* tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li ssir interview mal-GreenMT qabel niproċedu bl-iffirmar, iżda l-interview issir biss jekk sa nhar it-Tnejn, il-pendenzi finanzjarji ma din il-kumpanija ikunu inqatgħu, jew inkella l-offerta tiġi skwalifikata.

## 7. Suġġerimenti mil-Kunsilliera

R Portelli – Triq Abate Rigord faċċata tal-Mamma Mia ma hemmx tabella *No Entry*. Il-Kunsill qabel li ssir waħda

T Castelletti – Ir-residenti tax-xatt u r-rampa qed igorru fuq it-trabijiet li hemm minħabba l-iskavar li għaddej bil-proġett nazzjonali tal-*flood relief*. Il-Kunsill ser jinforma lill-kuntrattur sabiex jaħsel it-triq.

- Ir-residenti ta’ Block C4 għandhom il-bankina ta’ quddiemhom inqasmet u qed imur il-konkos. Is-Segretarju għandu jċempel lill-perit li kien iċċertifika dan ix-xogħol.
- Ir-residenti ta’ Block F2 u F3 qed jgħidu li hemm problema kbira bin-nies li qed jinżlu *wrong way*. T Castelletti propona li jsiru bollards.

Ir-residenti ta' Block F2 talbu li t-*time limit parking* jinqeleb għan-naħa l-oħra tat-triq, u dan biex il-karozzi ikunu għad-dell. Il-Kunsill ma qabilx, biex ma jinħoloqx preċedent.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 6.00pm

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv